MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 295/2005

**L-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Liffey Meats Limited (K.I. numru 682547 M)**

**vs**

**Aquatess Ltd (C 13358)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta :-

Illi s-socjeta' attrici, socjeta' estera, hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ekwivalenti f'liri maltin ta' tnejn u erbghin elf u tminn mija u tmienja u sittin elf euros

u tnejn u tlettin centezmu (Euros 42868.32), rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi minkejja illi interpellata thallas dan l-ammont, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti ghalkemm ammettiet dan id-debitu kif jidher minn Dok. B u Dok. C;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet suesposti: -

Taqta u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ekwivalenti ghal liri maltin ta' tnejn u erbghin elf u tminn mija u tmienja u sittin elf euros u tnejn u tlettin centezmu (Euros 42868.32);

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ekwivalenti f' liri maltin tas-somma ta' tnejn u erbghin elf u tminn mija u tmienja u sittin elf euros u tnejn u tlettin centezmu (Euros 42868.32), dovuti kif fuq inghad;

Bl-ispejjez, inkluzi l-ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru 2004 u bl-imghax legali mit-18 ta' Dicembru 2001, data ta' l-ahhar konsenja, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda tieghu;

Rat li s-socjeta konvenuta debitament konfermata naqset li tidher u naqset li tissottometti eccezzjonijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Minn-naha l-ohra s-socjeta konvenuta naqset li tidher u naqset li tippresenta nota ta' eccezzjonijiet;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici attrici u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ekwivalenti f'liri maltin ta' tnejn u erbghin elf u tminn mija u tmienja u sittin elf euros u tnejn u tlettin centezmu (Euros 42868.32) u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija sitta u tletin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm17936.53) li hi ekwivalenti f'liri maltin ghall-imsemmija somma ta' tnejn u erbghin elf u tminn mija u tmienja u sittin elf euros u tnejn u tlettin centezmu (Euros 42868.32) dovuti ghar-ragunijiet li huma indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghax legali mit-18 ta' Dicembru 2001 data ta' l-ahhar konsenja;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------